# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* IT-TIELET KTIEB TA' L-1939

## BARRANIN F'PAJJIŻHOM

Ghad hawn ħafna Maltin li meta jisimgħuk issemmi l-Isien malti jew il-letteratura tiegħu, ikemmxu xoftejhom u, b'leħen ta' mogħdrija, igħidulek: "Uh! il-Isien malti!... mur ara xi ġmiel!... tilqita ta' kliem għarbi, feniċju, sqalli, taljan u x'nafu aħna kemm irmoxk ieħor." U mal-kelma *letteratura* kemm kemm ma jridux ifaqqgħu daħka ta' għajb. Imbagħad, biex juru li huma għandhom xi ħaġa isbaħ u aħjar, jibdew jitkellmu b'xi Isien li huma tgħallmu, mhux f'ħoġor ommhom, iżda fuq il-bankijiet ta' l-iskola, inkella f'xi qagħda qasira barra minn Malta.

Lil dawn in-nies aħna ngħidulhom *Barranin f' Pajjiżhom.*

Ara kemm hu hekk: Kull pajjiż, ngħidu aħjar, kull nazzjon, żgħira jew kbira, għandha, u ma jistax ma jkollhiex, il-Isien tagħha; u dak il-Isien hu minsuġ hekk sfiq mal-ħajja tan-nazzjon, li nistgħu ngħidu, li hu biċċa minnha u mhux biċċa żgħira; għaliex il-kelma hi l-libsa ta' kulma wieħed jaħseb u ta' kulma wieħed iħobb, u l-bniedem hu aktar dak li jaħseb u jħobb—

jiġifieri dak li jagħmel il-karattru tiegħu—milli hu dak li jiekol, jixrob u jaħdem, jiġifieri dak li jagħmel il-ħajja materjali tiegħu.

Issa billi kull ġens jieħu x-xejra tal-ħsieb u t-tqanqila tal-qalb, aktarx mis-sura, mid-daqs, u mill-klima tal-pajjiż li fih igħammar, jidher ċar illi l-kelma, jew aħjar il-lsien, jieħu wkoll dik is-sura, dik il-għamla li toqgħod tajjeb lil pajjiż u ma toqgħodx tajjeb lil pajjiż ieħor.

Għalhekk il-lsien isir il-*għelma* tan-nazzjon u kull nazzjon issir għajjura għal-lsien tagħha, u tħossha barra minnha nfisha kull meta jeħtiġilha tfisser ħsebijietha bil-kelma ta' ħaddieħor.

Il-lsien u n-nazzjonalità ma jinfirdu qatt: ikun fejn ikun il-bniedem jingħaraf minn ilsienu. Wieħed Malti, ikun fl-Affrika, ikun fl-Asja, ikun fl-Amerka, jagħraf malajr lill-pajżan tiegħu malli jisimgħu jitkellem bil-malti.

Għaldaqshekk, dawk il-Maltin li jkasbru l-lsien malti bħala ħaġa ta' ebda siwi, u għax ma jafuhx, jew aħjar, għax qatt ma fettxew li jkunu jafu l-Malti, jitkellmu bi lsien ieħor, dawn huma tas-sew "barranin f'pajjiżhom."